A.L. 218 ta' l-2004

ATT DWAR IL-KUMPANNIJI
(KAP. 386)

Regolamenti ta' l-2004 dwar il-Kumpanniji (Kumpanniji Ċellulari li Jmexxu Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 84A ta' l-Att dwar il-Kumpanniji, il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, għamel ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti ta' l-2004 dwar il-Kumpanniji (Kumpanniji ċellulari li Jmexxu Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni).

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Lulju, 2004.

Tifsir.

2. (1) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort' oħra -

"approvazzjoni ta' trasferiment ċellulari" tfisser approvazzjoni ta' l-awtorità kompetenti taħt ir-regolament 15 ta' dawn ir-regolamenti li tapprova t-trasferiment ta' l-attiv ċellulari attribwibbli għal xi ċellula jew kumpannija ċellulari lil persuna oħra;

"l-Att", tfisser l-Att dwar il-Kumpanniji;

"attiv ċellulari" ta' kumpannija ċellulari tfisser l-attiv tal-kumpannija attribwibbli għal xi ċellula tal-kumpannija skond is-sub-regolament (4) tar-regolament 9 ta' dawn ir-regolamenti;

"attiv mhux ċellulari" ta' kumpannija ċellulari tinkludi l-attiv tal-kumpannija li ma jkunx attiv ċellulari;

"l-awtorità kompetenti" tfisser l-Awtorita għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta maħtura taħt l-artikolu 3 ta' l-Att dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni; Kap. 403.

"azzjonijiet ċellulari" tfisser azzjonijiet maħluqa u maħruġa minn kumpannija ċellulari dwar waħda miċ-ċelluli tagħha skond id-disposizzjonijiet tar-regolament 10 ta' dawn ir-regolamenti, li d-dħul mill-ħruġ tagħhom ("il-kapital azzjonarju ċellulari") ikun kompriż fl-attiv ċellulari attribwibbli għal dik iċ-ċellula;

"ċellula" tfisser ċellula maħluqa minn kumpannija ċellulari bil-għan li tissegrega u tipproteġi l-attiv ċellulari tal-kumpannija bil-mod provdut b'dawn ir-regolamenti u tinkludi riferenza għal kontijiet segregati, kompartamenti jew unitajiet f'kumpannija li jkollha kontijiet multipli, kompartamenti jew unitajiet, ikunu kif ikunu msejħa, u l-kelma "ċellulari" għandha tkun imfissra u applikata f'dan is-sens;

"direttiva dwar l- assigurazzjoni" tfisser direttiva dwar kummerċ ta' l-assigurazzjoni maħruġa mill-awtorità kompetenti bis-saħħa tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 4 ta' l-Att dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni;

"dividend ċellulari" tfisser dividend li għandu jitħallas minn kumpannija ċellulari dwar azzjonijiet ċellulari skond id-disposizzjonijiet tas- sub-regolament (3) tar-regolament 10 ta' dawn ir-regolamenti;

"kapital azzjonarju ċellulari" tfisser dak li jidħol mill-ħruġ ta' azzjonijiet ċellulari;

"kumpannija ċellulari" hija kumpannija ffurmata jew kostitwita bħala tali jew konvertita f'kumpannija ċellulari u li toħloq fiha nnifisha ċellula waħda jew iktar bil-għan li tissegrega u tipproteġi l-attiv ċellulari tal-kumpannija skond id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, u dwar il-kummerċ ta' *manager* ta' l-assigurazzjoni, kif ukoll il-kummerċ ta' *broking* ta' l-assigurazzjoni, riferenza għal "kumpannija" għandha tinkludi riferenza għal soċjetà in akkomandita jew korp ġuridiku simili jew ekwivalenti, li jkollu l-kapital tiegħu maqsum f'azzjonijiet;

"kummerċ ta' l-assigurazzjoni" għandha l-istess tifsir kif mogħti lilha bis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 2 ta' l-Att dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni, u għandha tinkludi kummerċ ta' assigurazzjoni affiljata skond ir-regolament 2 tal- *Insurance Business (Companies Carrying on Business of Affiliated Insurance) Regulations, 2003*, il-kummerċ ta' *manager* ta' l-assigurazzjoni, kif ukoll il-kummerċ ta' *broking* fl-assigurazzjoni taħt l-Att dwar *Brokers* fl-Assigurazzjoni u Intermedjarji Oħra;

A.L.334 ta' l- 2003.

Kap. 404.

"uditur approvat" u "uditur" għandhom l-istess tifsir kif mogħti lilhom bis-subartikolu (10) ta' l-artikolu 21 ta' l-Att dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni.

(2) Kliem u frażijiet li huma wkoll użati fl-Att għandhom l-istess tifsir kif mogħti lilhom fl-Att.

Kumpanniji ċellulari.

3. (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti:

(a) kumpannija tista tkun formata u kostitwita bħala kumpannija ċellulari li tmexxi kummerċ ta' l-assigurazzjoni; jew

(b) kumpannija li tmexxi kummerċ ta' l-assigurazzjoni tista' tkun konvertita, jekk hekk awtorizzata bil-memorandum u bl-istatut ta' assoċjazzjoni tagħha, f'kumpannija ċellulari.

(2) Minkejja l-fatt li kumpannija ċellulari setgħet ħolqot ċellula waħda jew iżjed:

(a) kumpannija ċellulari hija persuna ġuridika waħda; u

(b) il-ħolqien ta' ċellula minn kumpannija ċellulari ma joħloqx, dwar dik iċ-ċellula, persuna ġuridika separata mill-kumpannija:

Iżda, safejn id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att huma inkonsistenti mad-disposizzjionijiet ta' l- Att dwar il-Kummerċ ta' L-Assigurazzjoni u l-Att dwar *Brokers* fl-Assigurazzjoni u Intermedjarji Oħra, skond il-każ, id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Kummerċ ta' L-Assigurazzjoni u ta' l-Att dwar *Brokers* fl-Assigurazzjoni u Intermedjarji Oħra, għandhom jipprevalu u d-disposizzjionijiet ta' l-Att ma għandhomx, safejn ikunu inkonsistenti, japplikaw għall- kumpanniji ċellulari.

Isem u memorandum ta' kumpannija ċellulari.

4. (1) L-isem ta' kumpannija ċellulari għandu, bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-Att, jinkludi l-frażi "Kumpannija Ċellulari Protetta" jew "PCC".

(2) Il-memorandum u l-istatut ta' assoċjazzjoni ta' kumpannija ċellulari għandu jiddikjara li din tkun kumpannija ċellulari.

(3) Kumpannija ma għandhiex titqies bħala kumpannija ċ ellulari kemm-il darba din ma tkunx tħares id-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament.

(4) Kull ċellula ta' kumpannija ċellulari għandu jkollha l-isem jew desinjazzjoni tagħha stess.

(5) B' żieda u bla ħsara għall- artikolu 6 ta' l-Att, kumpannija ċellulari għandha wkoll tindika b'mod xieraq fil-ittri kummerċjali u fil-formoli kollha tagħha li hija kumpannija ċellulari.

Kumpannija ċellulari teħtieġ approvazzjoni ta' l-awtorità kompetenti.

5. (1) Kumpannija ma tistax tkun formata jew kostitwita bħala kumpannija ċellulari, u kumpannija eżistenti ma tistax tkun konvertita f'kumpannija ċellulari, ħlief skond il-pattijiet u l-kondizzjonijiet ta' l-approvazzjoni bil-miktub ta' l-awtorità kompetenti li għandha tingħata biss fil-każ ta' kumpannija, li meta tiġi formata u kostitwita, tkun, awtorizzata jew meta tiġi konvertita tkun kumpannija awtorizzata taħt l-artikolu 7 ta' l-Att dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni biex tmexxi kummerċ ta' l-assigurazzjoni u tkun awtorizzata taħt l-artikolu 13 ta' l-Att imsemmi biex tmexxi il-kummerċ ta' *manager* ta' l-assigurazzjoni, jew kumpannija iskritta fil-lista tal-*brokers* skond l-Att dwar *Brokers* fl-Assigurazzjoni u Intermedjarji Oħra.

(2) Kumpannija awtorizzata li tmexxi kummerċ ta' rijassigurazzjoni jew assigurazzjoni affiljata tista' tkun formata jew kostitwita bħala kumpannija ċellulari jew tista' tkun konvertita f'kumpannija ċellulari skond dawn ir-regolamenti.

(3) Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, l-awtorità kompetenti tista' b'direttiva dwar l-assigurazzjoni, minn żmien għal żmien tispeċifika jew tirrestringi l-klassijiet ta' assigurazzjoni li kumpannija ċellulari tista' tmexxi, u l-klassi jew klassijiet tal-persuni għal min, jew li dwarhom, ċellula tista' tinħoloq minn kumpannija ċellulari.

(4) L-awtorità kompetenti tista', minn żmien għal żmien, b'dak il-mod li jidhirlha xieraq:

(a) tibdel jew tirrevoka xi patt jew kondizzjoni li skondhom tkun ingħatat approvazzjoni taħt is-subregolament (1) ta' dan ir-regolament; u

(b) timponi kull patt jew kondizzjoni ġodda dwar kull approvazzjoni bħal dik.

Applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' l-awtorità kompetenti.

6. Applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' l-awtorità kompetenti għall-formazzjoni jew kostituzzjoni ta' kumpannija bħala kumpannija ċellulari, għall-konverżjoni ta' kumpannija eżistenti f'kumpannija ċ ellulari jew għall-ħolqien ta' ċellula ġdida, għandha ssir lill-awtorità kompetenti f'dik il-forma u b'dak il-mod, u għandu jkollha magħha dawk id-dokumenti u tagħrif, verifikati b'dak il-mod li l-awtorità kompetenti tista' tistabbilixxi minn żmien għal żmien.

Formazzjoni, kostituzzjoni jew konversjoni ta' kumpannija bħala kumpannija ċellulari.

7. Persuna li tkun tixtieq tifforma jew tikkostitwixxi kumpannija bħala kumpannija ċellulari, jew tikkonverti kumpannija eżistenti f'kumpannija ċellulari, għandha tikkonsenja lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni il-memorandum u l-istatut ta' l-assoċjazzjoni tal-kumpannija, jew kopja tar-riżoluzzjoni li temenda l-memorandum jew l-istatut tal-kumpannija, skond il-każ.

Ħolqien ta' ċelluli.

8. Bla ħsara għal l-approvazzjoni bil-miktub bil- quddiem ta' l-awtorità kompetenti, kumpannija ċellulari tista' toħloq ċellula waħda jew iżjed bil-għan li tissegrega u tipproteġi attiv ċellulari bil-mod provdut b'dawn ir-regolamenti.

Attiv ċellulari u mhux ċellulari.

9. (1) L-attiv ta' kumpannija ċellulari jkun jew attiv ċellulari jew attiv mhux ċellulari.

(2) Ikun id-dmir tad-diretturi ta' kumpannija ċellulari li jżommu:

(a) attiv ċellulari separat u li jkun identifikat bħala separat minn attiv mhux ċellulari;

(b) attiv ċellulari attribwibbli għal kull ċellula, separat u li jkun identifikat bħal separat minn attiv ċellulari attribwibbli għal ċelluli oħra; u

(ċ) separati dawk ir-*records,* kontijiet, dikjarazzjonijiet u dokumenti oħra kif ikun meħtieġ bħala prova li l-attiv u l-passiv ta' kull ċellula jkunu distinti u separati mill-attiv u l-passiv ta' ċelluli oħra fl-istess kumpannija.

(3) L-attiv ċellulari ta' kumpannija ċellulari jinkludi l-attiv tal-kumpannija li jkun attribwibbli għal ċelluli tal-kumpannija.

(4) L-attiv attribwibbli għal ċellula ta' kumpannija ċellulari jinkludi:

(a) attiv rappreżentat bid-dħul ta' kapital azzjonarju ċellulari u riżervi attribwibbli għal ċellula;

(b) l-attiv l-ieħor kollu attribwibbli għal ċellula.

(5) Għall-finijiet tas-subregolament (4) ta' dan ir-regolament, l-espressjoni "riżervi" tinkludi qliegħ miżmum, riżervi kapitali u premji ta' l-azzjonijiet.

(6) Attiv mhux ċellulari ta' kumpannija ċellulari jinkludi l-attiv tal-kumpannija li ma jkunx attiv ċellulari.

(7) Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subregolament (2) ta' dan ir-regolament, id-diretturi ta' kumpannija ċellulari jistgħu jġiegħlu jew jippermettu li attiv ċellulari u attiv mhux ċellulari jinżammu minn kumpannija, li l-azzjonijiet u l-interessi kapitali tagħha jistgħu jkunu attiv ċellulari jew attiv mhux ċellulari, jew kombinazzjoni tat-tnejn.

(8) Id-dmir impost bis-subregolament (2) ta' dan ir-regolament ma jkunx miksur minħabba biss li d-diretturi ta' kumpannija ċellulari jġiegħlu jew jippermettu attiv ċellulari jew attiv mhux ċellulari jew kombinazzjoni tat-tnejn, li jkunu investiti kollettivament jew immaniġġjati kollettivament minn *manager* ta' l-investiment, kemm-il darba l-attiv in kwistjoni jibqa' jkun identifikabbli b'mod separat skond is-subregolament (2) ta' dan ir-regolament.

Azzjonijiet u kapital azzjonarju ċellulari.

10. (1) Kumpannija ċellulari tista', dwar kull waħda miċ-ċelluli tagħha, toħloq u toħroġ azzjonijiet ("azzjonijiet ċellulari") li d-dħul mill-ħruġ tagħhom ("kapital azzjonarju ċellulari") ikun inkluż fl-attiv ċellulari attribwibbli għaċ-ċellula li dwarha l-azzjonijiet ċellulari kienu maħruġa.

(2) Id-dħul mill-ħruġ ta' l-azzjonijiet, barra minn azzjonijiet ċellulari maħluqa u maħruġa minn kumpannija ċellulari, ikun inkluż fl-attiv mhux ċellulari tal-kumpannija.

(3) Kumpannija ċellulari tista' tħallas dividend ("dividend ċellulari") dwar azzjonijiet ċellulari.

(4) Jistgħu jitħallsu dividendi ċellulari dwar azzjonijiet ċellulari b'riferenza biss għall-attiv u l-passiv ċellulari, jew għall-profitti attribwibbli għal ċellula li dwarha l-azzjonijiet ċellulari kienu maħruġa; u għalhekk, meta jkun qed jiġi stabbilit jekk ikunx hemm profitti jew le sabiex jitħallas dividend ċellulari, ma jittieħed ebda kont ta' -

(a) il-profitti u telf, jew l-attiv u l-passiv, attribwibbli għal xi ċellula oħra tal-kumpannija; jew

(b) profitti jew telf mhux ċellulari, jew attiv u passiv mhux ċ ellulari.

(5) Kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra, riferenzi għal azzjonijiet fl-Att jinkludu riferenzi għal azzjonijiet ċellulari.

Kumpannija tgħarraf lil persuni li jkunu qed jittrattaw ma' kumpannija ċellulari.

11. Kumpannija ċellulari għandha:

(a) tgħarraf bil-miktub lil kull persuna li magħha tagħmel kummerċ ta' l-assigurazzjoni u li tkun kumpannija ċellulari; u

(b) għall-finijiet ta' dik it-transazzjoni, tidentifika jew tispeċifika ċ-ċellula li dwarha dik il-persuna tkun qed tinnegozja, kemm-il darba dik it-transazzjoni ma tkunx transazzjoni dwar ċellula partikolari.

Qagħda tal-krediturі.

12. (1) Kreditur ta' kumpannija ċellulari ma jkollu ebda dritt ħlief id-drittijiet imsemmija f'dan ir-regolament u fir-regolamenti 13 u 14 ta' dawn ir-regolamenti.

(2) Għandhom jiftehmu (sakemm dawn ma jkunux espressament eskluż bil-miktub) f'kull transazzjoni li ssir minn kumpannija ċellulari dawn l-pattijiet li ġejjin -

(a) li ebda parti ma għandha tfittex, sew jekk f'xi provedimenti jew b'xi mod ieħor ikun li jkun, li tagħmel użu jew tipprova tagħmel użu minn xi attiv ċellulari attribwibbli għal xi ċellula tal-kumpannija biex tissodisfa passiv li ma jkunx attribwibbli għal dik iċ-ċellula; u

(b) jekk xi parti jirnexxilha b'xi mod ikun li jkun li tuża xi attiv ċellulari attribwibbli għal xi ċellula tal-kumpannija biex tissodisfa passiv li ma jkunx attribwibbli għal dik iċ-ċellula, dik il-parti tkun obbligata li tħallas lill-kumpannija somma li tkun daqs il-valur tal-benefiċċju li tkun kisbet b'dak il-mod.

(3) Kull attiv jew somma miġbura minn kumpannija ċellulari taħt il-patt miftiehem kif jingħad fil-paragrafu (b) tas-subregolament (2) ta' dan ir-regolament jew b'kull mod ieħor ikun li jkun fil-każijiet imsemmija f'dak il-paragrafu għandhom, wara t-tnaqqis jew il-ħlas ta' kull spejjeż għall-ġbir lura, jintużaw mill-kumpannija sabiex jikkompensaw iċ-ċellula milquta.

(4) Fil-każ ta' mandat eżekuttiv li jinħareġ jew ikun eżegwit fuq xi attiv ċellulari attribwibbli għal ċellula ta' kumpannija ċellulari

dwar passiv li ma jkunx attribwibbli għal dik iċ-ċellula, u sal-limitu li dak l-attiv jew kumpens dwaru ma jkunx jista' xort'oħra jkun restitwit lil ċellula milquta, il-kumpannija għandha -

(a) iġġiegħel jew tieħu ħsieb li l-uditur tagħha, li jaġixxi bħala espert u mhux bħala arbitru, jiċċertifika l-valur ta' l-attiv mitluf biċ-ċellula milquta; u

(b) tittrasferixxi jew tħallas lil ċellula milquta, mill-attiv ċ ellulari u mhux ċellulari li għalih ikun attribwibbli l-passiv, attiv jew somom li jkunu biżżejjed biex jirrestitwixxu lil ċellula milquta l-valur ta' l-attiv mitluf.

(5) Meta taħt il-paragrafu (b) tas-subregolament 4 ta' dan ir-regolament kumpannija ċellulari tkun obbligata li tagħmel trasferiment jew ħlas minn attiv ċellulari attribwibbli għal ċellula tal-kumpannija, u dak l-attiv ma jkunx biżżejjjed, il-kumpannija għandha safejn ikun possibbli tagħmel tajjeb għan-nuqqas mill-attiv mhux ċellulari tagħha.

(6) Dan ir-regolament għandu japplika għall-attiv ċellulari u mhux ċellulari ta' kumpannija ċellulari tkun fejn tkun qiegħda.

Rikors għal attiv ċellulari minn kredituri.

13. Mingħajr preġudizzju għar-regolamenti 12 u 14 ta' dawn ir-regolamenti, attiv ċellulari attribwibbli għal ċellula ta' kumpannija ċellulari għandu -

(a) ikun biss ottjenibbli mill-kredituri tal-kumpannija li jkunu kredituri ta' dik iċ-ċellula u li b'hekk ikollha jedd, skond dawn ir-regolamenti, għal rikors għall-attiv ċellulari attribwibbli għal dik iċ-ċellula;

(b) ikun imħares assolutament mill-kredituri tal-kumpannija li ma jkunux kredituri dwar dik iċ-ċellula u li b'hekk ma jkollhomx jedd għal rikors għall-attiv ċellulari attribwibbli għal dik iċ-ċellula.

Passiv ta' attiv ċellulari.

14. (1) Meta jinqalaċ xi passiv li jkun attribwibbli għal ċellula partikolari ta' kumpannija ċellulari -

(a) l-attiv ċellulari attribwibbli għal dik iċ-ċellula għandu l-ewwelnett jintuża biex ikun sodisfatt il-passiv;

(b) l-attiv mhux ċellulari tal-kumpannija għandu fit-tieni lok jintuża biex jissodisfa l-passiv, sakemm l-attiv ċellulari attribwibbli għaċ-ċellula rilevanti jkun spiċċa; u

(ċ) kull attiv ċellulari li ma jkunx attribwibbli għaċ-ċellula rilevanti ma għandux jintuża biex jissodisfa l-passiv.

(2) Kull passiv li ma jkunx attribwibbli għal ċellula partikolari ta' kumpannija ċellulari jkun passiv biss ta' l-attiv mhux ċellulari tal-kumpannija.

(3) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' hawn qabel ta' dan ir-regolament -

(a) il-passiv taħt il-paragrafu (a) tas-subregolament (1) ta' dan ir-regolament ta' l-attiv ċellulari attribwibbli għal ċellula partikolari ta' kumpannija ċellulari għandu jonqos skond rati stabbiliti sakemm il-valur tal-passiv aggregat ikun daqs il-valur ta' dak l-attiv ħlief li ma għandhom jitqiesu d-disposizzjonijiet ta' dan il-paragrafu għandhom ikunu injorati fil-kalkolu ta' l-eżistenza u l-limitu ta' kull passiv sekondarju taħt il-paragrafu (b) tas-subregolament (1) ta' dan ir-regolament;

(b) il-passiv ta' l-attiv mhux ċellulari tal-kumpannija għandu jitnaqqas skond rati stabbiliti sakemm il-valur tal-passiv aggregat ikun daqs il-valur ta' dak l-attiv.

(4) Dan ir-regolament għandu japplika għall-attiv ċellulari jew mhux ċellulari tal-kumpannija, ikun fejn ikun qiegħed.

Trasferiment ta' attiv ċellulari minn kumpannija ċellulari.

15. (1) Attiv ċellulari attribwibbli għal xi ċellula ta' kumpannija ċellulari, iżda mhux l-attiv mhux ċellulari ta' kumpannija ċellulari, ikun jista' jiġi trasferit, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subregolament (3) ta' dan ir-regolament, lil persuna oħra, tkun fejn tkun residenti jew inkorporata, u sew jekk din tkun kumpannija ċellulari u sew jekk le.

(2) Trasferiment, skond is-subregolament (1) ta' dan ir-regolament, ta' attiv ċellulari attribwibbli għal ċellula ta' kumpannija ċ ellulari ma għandux minnu nnifsu jagħti jedd lil kredituri ta' dik il-kumpannija li jkollhom rikors għall-attiv l-ieħor tal-persuna li lilha jkun trasferit l-attiv ċellulari.

(3) Ebda trasferiment ta' l-attiv ċellulari attribwibbli għal ċellula ta' kumpannija ċellulari ma jista' jsir ħlief bl-approvazzjoni bil-miktub u b'mod speċifiku mill-awtorità kompetenti ("approvazzjoni ta' trasferiment ta' ċellula").

(4) L-awtorità kompetenti ma għandhiex toħroġ approvazzjoni ta' trasferiment ta' ċellula dwar ċellula ta' kumpannija ċellulari kemm-il darba l-kumpannija ma ġġibx provi għas-sodisfazzjon

ta' l-awtorità kompetenti li l-krediturì tal-kumpannija ċellulari li jkollhom il-jedd li jinkorru għal rikors għall-attiv ċellulari attribwibbli għal ċellula, jagħtu l-kunsens għat-trasferriment.

(5) Il-kumpannija għandha tikkonsenja lir-Reġistratur kopja ta' l-approvazzjoni ta' trasferriment ta' ċellula għar-reġistrazzjoni fi żmien 14-il jum mid-data tal-ħruġ ta' l-approvazzjoni ta' trasferiment ċellulari.

(6) L-awtorità kompetenti tista' tissoġġetta approvazzjoni ta' trasferriment ta' ċellula għal dawk il-kondizzjonijiet li jisgħtu minn żmien għal żmien jidhrilha xierqa li timponi, inklużi kondizzjonijiet dwar li jkunu sodisfatti talbiet ta' krediturì li jkollhom jedd għal rikors għall-attiv ċellulari attribwibbli għal ċellula li dwarha jkun qed jintalab l-ordni.

(7) L-awtorità kompetenti tista' toħroġ approvazzjoni ta' trasferiment ta' ċellula dwar ċellula ta' kumpannija ċellulari minkejja li jkun inħatar stralċjarju biex jaġixxi dwar il-kumpannija jew il-kumpannija tkun għaddiet riżoluzzjoni għal stralċ volontarju:

Iżda, l-kumpannija għandha ġġib provi għas-sodisfazzjon ta' l-awtorità kompetenti li t-trasferiment ma jkunx jippreġudika b'mod mhux ġust lill-krediturì jew terzi oħra.

(8) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament, kumpannija ċellulari tista' tagħmel ħlasijiet jew trasferimenti mill-attiv ċellulari attribwibbli għal xi ċellula tal-kumpannija lil persuna li jkollha jedd tirrikorri għal dak l-attiv ċellulari.

(9) Kumpannija ċellulari ma għandhiex teħtieġ approvazzjoni ta' trasferiment ta' ċellula sabiex tinvesti, u tibdel investiment ta' attiv ċellulari, jew xort'oħra sabiex isiru ħlasijiet jew trasferimenti minn attiv ċellulari fil-kors ordinarju tal-kummerċ ta' kumpannija.

Stralċ ta' cellula.

16. (1) F'każ ta' stralċ ta' ċellula, tkun meħtieġa l-approvazzjoni bil-miktub bil-quddiem ta' l-awtorità kompetenti.

(2) Għall-finijiet ta' dan ir-regolament, l-awtorità kompetenti, tista b'direttiva dwar l-assigurazzjoni, tiddetermina l-proċedura li għandha tiġi adottata għall- istralċ ta' cellula.

Appelli.

17. (1) Kull persuna li tkun aggravata b'deċiżjoni ta' l-awtorità kompetenti -

(a) li tirrifjuta li toħroġ approvazzjoni għal kumpannija biex tkun kostitwita jew formata bħala kumpannija ċellulari taħt ir-regolament 5 ta' dawn ir-regolamenti; jew

(b) biex kumpannija eżistenti tista' tkun konvertita f'kumpannija ċellulari taħt ir-regolament 5 ta' dawn ir-regolamenti; jew

(ċ) li tirrifjuta li toħroġ approvazzjoni għall-kumpannija ċ ellulari biex toħloq ċellula waħda jew iżjed taħt ir-regolament 8 ta' dawn ir-regolamenti; jew

(d) li tirrifjuta li toħroġ approvazzjoni ta' trasferiment ta' ċellula taħt ir-regolament 15 ta' dawn ir-regolamenti,

tista' tappella kontra d-deċiżjoni għand it-Tribunal tas-Servizzi Finanzjarji.

(2) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 21 ta' l-Att dwar l-Awtorita għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, u ta' l-artikolu 57 ta' l-Att dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni, għandhom japplikaw *mutatis mutandis* daqslikieku l-appell kien magħmul skond l-Att dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni. Kap. 330.